MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 373/2009

**A B C**

**-vs-**

**D E F**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B C, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrenti A C u l-intimata D E F izzewgu fid-19 ta’ Gunju, tas-sena elfejn u erbgha (2004) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. RG1;

Illi l-kunsens tal-partijiet sabiex jizzewgu inkiseb biss b’biza’ morali u theddid mill-familjari rispettivi, stante li l-istess intimata kienet harget tqila qabel iz-zwieg;

Illi l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk, iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi.

Ghaldaqstant, l-intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tad-dsatax (19) ta' Gunju, tas-sena elfejn u erbgha (2004) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (a), 19 (c) u 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' D E F, li in forza taghha, eccepiet:

Illi l-intimata taqbel li hi u r-rikorrent izzewgu nhar id-dsatax (19) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004);

Illi l-intimata taqbel ukoll li hija kienet harget tqila qabel iz-zwieg u li ghalhekk iz-zwieg kien wiehed ta' malajr;

Illi l-intimata taqbel ukoll li z-zwieg tal-partijiet fl-ismijiet premessi huwa null u bla effett skond il-ligi, izda dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrent, u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza u ghaldaqstant, l-intimata m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza. Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu meta kellhom tifla ta' sena u nofs. Kienu ilhom zmien jghixu flimkien. Sabu l-hajja mizzewga difficli ghaliex kienu t-tnejn ihobbu jiddevertu. Madanakollu, kellhom zewgt itfal ohra. Issa li z-zwieg sfaxxa, ir-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' a tenur tal-Art. 19 (1) (a), (c) u/jew (d).

"*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju*", ("**Anna Tonna vs Alexander Tonna**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

Ghar-rigward ta' biza' u theddid li jivvizzjaw il-kunsens, dawn il-Qrati jirritjenu illi:

"*Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar*

*jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-artikolu 19 (a)*", ("**Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Novembru, 1982).

"*Il-fatt li l-attrici ghazlet volutament li tghaddi ghaz-zwieg biex tikkuntenta lill-ġenituri taghha u dawk ta' zewgha ma jammontawx, lanqas remotament, ghall-vjolenza. Lanqas il-biza' reverenzjali versu l-genituri ma jservi biex jannulla l-kuntratt jekk ebda vjolenza ma tkun giet uzata. Hekk jipprovdi l-Artikolu 980 Kodici Civili. Il-biza' trid tkun certa, gravi u realistika, dak li ma jirrizultax li hu hekk fil-kaz de quo*", ("**Denise Borg vs Christopher Borg**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-21 ta' Ottubru, 2002).

Minn dan kollu, il-Qorti ma ssib ebda prova. Il-genituri ma tressqux biex jixhdu xi pressjoni ghamlu fuq il-koppja. Jekk il-koppja jirritjenu li kienet is-sitwazzjoni anomala ta' wild barra zwieg li geghelithom jizzewgu, hawn ukoll, il-Qorti ssib dan inverosimili. Il-partijiet kienu ilhom jghixu flimkien zmien qabel, ma ddejqu minn hadd. Ghar-rigward tal-kunjom, imbaghad, il-Qorti tinnota li din ma setghetx kienet ta' wisq xkiel ghall-omm, li issa ghaliex separata hadet kunjom xbubitha.

Il-Qorti ma ssib ebda hjiel ta' qerq. Kienu jafu l-karattri ta' xulxin. Kienu t-tnejn ihobbu jiddevertu. Kellhom zewgt itfal ohra. Li kieku xi wiehed minnhom skopra xi haga fil-konjugi li ma setax jghix biha, ma kienx ikompli jkabbar il-familja, anzi kien jiehu prekawzjonijiet biex jikkontjeni l-problemi.

"*Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta' "moral substitution" u kif spjegat mill-awturi (ara Wrenn L. "Annulment" pp 82 et seq) din tissussisti "when the quality is (i) an inherent property of the person, and not some isolated past action; (ii) present at the time of the wedding; (iii) grave either objectively or subjectively; (iv) unknown to the other party; (v) fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent. Lastly, the quality must provoke a crisis*

*on discovery; otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial*", ("**Louis Agius vs Georgia Agius xebba C**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Ottubru, 1988).

"*Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga*", ("**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-13 ta' Marzu, 1995).

Finalment, ir-rikorrenti jsejjes il-kawza tieghu fuq il-provvediment tal-Art. 19 (1) (d).

"*Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju*", ("**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru, 1995).

"*Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati, il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal*

*dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom*", ("**Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fil-10 ta' Settembru, 1997).

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within*", ("**Janet Portelli vs Victor Portelli**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Awissu, 1995).

Ma jissussistux fil-kaz in ezami cirkostanzi tali li juru dan in-nuqqas.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------